**Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili**

**Union Ħaddiema Magħqudin f'isimha proprju u f'isem il-ħaddiema fi ħdan il-Malta International Airport fis-sezzjonijiet tal-Customer Service Attendants, Informational Technology, Information Management, Electronics u Networks**

vs

**Malta International Airport P.L.C. (C 12663)**

**Protest Ġudizzjarju tal-Union Ħaddiema Magħqudin ta' 'Dar Reggie Miller', Triq San Tumas Floriana f'isimha proprju u f'isem il-ħaddiema li jaħdmu fis-sezzjonijiet tal-Customer Service Attendants, Informational Technology, Information Management, Electronics u Networks fi ħdan is-soċjeta' protestata :**

Tesponi bir-rispett:

Illi l-Union protestanta għandha numru ta' membri li jaħdmu mas-soċjeta' protestata u fil-preżent għandha rikonnoxximent konġunt flimkien mal-General Workers Union għall-fini ta' negozjar kollettiv.

Illi fil-ġimgħat li għaddew il-Union protestanta ġiet mgħarrfa mis-soċjeta' protestata li din tal-aħħar kienet ser tagħmel *outsourcing* tas-sezzjoni Customer Service Attendants u għaldaqstant saru laqgħat informali bejn il-Union protestanta, rappreżentanti tal-General Workers Union u s-soċjeta' sabiex jiġi diskuss, b'mod preliminari, l-futur tal-impjegati fi ħdan tali taqsima. Id-diskussjonijiet ma kienux konklussivi u fil-fatt maqbul li filwaqt li tali sezzjoni tiġi outsourced, il-partijiet ikomplu jiddiskutu jekk l-impjegati kienux ser jiġu trasferiti lill-kumpannija terza jew jiġux trasferiti f'dipartiment ieħor fi ħdan l-istess soċjeta' protestata.

Illi nel frattemp inbeda proċess ta' verifikar mid-dipartment tar-relazzjonijiet industrijali sabiex jiġi kkonfermat liema Union għandha l-maġġoranza fi ħdan is-soċjeta' protestata.

Illi jirriżulta li s-sezzjoni tal-Customer Service Attendants mhijiex l-unika sezzjoni li ser tiġi outsourced, iżda hemm sezzjonijiet oħrajn u ċioe' is-sezzjonijiet tal-Informational Technology, Information Management, Electronics u Networks. Meta saret taf b'dan, il-Union protestanta talbet laqgħa ta' konsultazzjoni mas-soċjeta' ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u filfatt ngħatat data għal-laqgħa.

Illi ġara li l-General Workers Union maċċettatx li tiltaqa' mas-soċjeta' f'dan ir-rigward u kkomunikat lis-soċjeta' li ma kinitx ser tattendi għal-laqgħa. Da parti tagħha l-Union

protestanta xorta waħda deherilha li fiċ-ċirkostanzi kien importanti li tiltaqa' mas-soċjeta' u in fatti r-rappreżentant tagħha, s-Sur Martin Caruana, kien preżenti għal-laqgħa fil-post uħin stabbilit. Minkejja dan is-soċjeta' protestata ikkanċellat il-laqgħa għaliex skont hi, ma setgħetx tiddiskuti mal-Union Protestanta fin-nuqqas tal-Union l-oħra.

Illi fil-fehma tal-Union protestanti din ir-raġuni mogħtija mis-soċjeta' mhijiex kredibbli u giustifikata għaliex tali rifjut da parti ta' union wahda m'għandux jippreġudika l-pożizzjoni ta' Union oħra li kienet disposta tiltaqa' għal proċess ta' konsultazzjoni fl-interess tal-membri taghha.

Illi in oltre, wara li hija stess ikkanċellat il-laqgħa ta' konsultazzjoni, s-soċjeta' għamlet laqgħa mal-ħaddiema direttament mingħajr il-preżenza tal-Union protestanta fejn giet diskuss u kjarifikat mal-ħaddiema li kien ser iseħħ trasferiment ta' negozju tas-sezzjonijiet surreferiti u li tali ħaddiema kienu ser jiġu trasferiti.

Illi ma jeżistix alcun dubbju li l-aġir tas-soċjeta' f'dawn iż-żewġ istanzi, ċioe' meta kkanċellat il-laqgħa mal-Union protestanta u meta wara dan laqqgħet lill-ħaddiema minghajr ma sari l-process ta' konsultazzjoni, huwa mmirat li jimmina l-proċess ta' konsultazzjoni li għandu jsir mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u jinnega lill-ħaddiema d-dritt li jkunu rappreżentati minn Union u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 452 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja li tipprovdi r-Regolamenti dwar ħarsien tal-Impiegi fit-trasferiment ta' negozju

**Għaldaqstant**, u in vista tan-nuqqas ta' ħaris ta' responsabbilitajiet u d-dmirijiet tas-soċjeta' Protestata din il-Union Protestanta f'isimha proprju u f'isem il-ħaddiema tas-sezzjoni suesposti kienet kostretta tintavola dan il-protest sabiex tqiegħed lis-soċjeta' protestata *f'dolo, culpa u mora* għall-effetti u finijiet kollha tal-liġi u tinterpellaha sabiex minnufih u mingħajr aktar dewmien, tara li tlaqqa` l-partijiet kollha konċernati u jsir proċess ta' konsultazzjoni giust u trasparenti.

Fin-nuqqas, il-Union protestanta qiegħdha tavża lis-soċjeta' protestata illi ser iżommha responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe danni għad-drittijiet leżi lilha u lil-ħaddiema membri tagħha u li ser tieħu passi ulterjuri skont il-liġi sabiex jipproteġi l-interessi tagħhom.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali sad-data tal-adempjiment tagħkom u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra li tispetta lill-Union protestanta sabiex tipproteġi d-drittijiet tagħha.

**Av. Ian Spiteri Bailey**
158, Merchants Street, Valletta VLT 1176

**Av. Andrew Grima**
19, St. Mark Street, Valletta VLT 1362

Protestanti: Union Ħaddiema Magħqudin, 'Dar Reggie Miller, Triq San Tumas Floriana
Protestata: Malta International Airport, Chairman's Office, Luqa LQA 4000